## 15 ta' April, 1949.

**Imħallef :**

**L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.**

*Paolo Scriberras versus Giorgio Baldacchino*

### Skrittura Privata — Awtentikazzjoni — Art. 1277 tal-Kodiċi Civili, u art. 634 §2 tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili.

*Skrittura privata li ma tiġix firmata minn idejn kull wieħed mill-partijiet għandha tkun awtentikata kif trid il-liġi; inkella dik l-iskrittura ma tiswiex.*

*L-awtentikazzjoni għandha ssir minn avukat jew nutar, li għandu jiddikjara mhux biss li l-firmi, jew is-sinjali minflok il-firmi, saru quddiemu u quddiem żewġ xhieda firmati fl-istess skrittura, imma anki li huwa nnifsu żgura ruħu mill-identità tal-persuni li għamlu l-firmi jew is-sinjali minflok il-firmi. Jekk jonqos xi wieħed minn dawn l-elementi, dik l-awtentikazzjoni ma tiswiex.*

L-attur fit-taħrika qal illi fl-4 ta' Frar 1945 saret skrittura bejn il-kontendenti li fiha jingħad illi huwa kien qiegħed jirrinnova favur il-konvenut il-lokazzjoni tal-fond nri. 61 u 62, Strada Rocca, Ħal Qormi, għal perijodu ta' sitt snin di fermo u sitt snin di rispetto mill-15 ta' Novembru 1942, u dana bil-kera ta' £20 fis-sena u taħt il-kondizzjonijiet l-oħra msemmija fl-istess skrittura, li kopja tagħha qiegħda tiġi annessa maċ-ċitazzjoni u markata dok. 'A'; u illi, kuntrarjament għal dak li jirrikjedi "ad validitatem" f'każ ta' skrittura simili l-art. 1277 tal-Kodiċi Civili (Kap. 23), l-iskrittura fuq imsemmija la hija firmata mill-attur u lanqas hija awtentikata kif jingħad fl-art. 634 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kap. 15) ; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, jiġi dikjarat u deċiż minn din il-Qorti illi l-iskrittura fuq imsemmija tal-4 ta' Frar 1945 hija nulla u mingħajr ebda effett; bl-ispejjeż;

*Omissis,*

Mid-dokument fil-fol. 7 tal-proċess jirriżulta li saret kitba privata.............. F'dik il-kitba ntqal li l-attur ma jafx jikteb; u flok il-firma tiegħu hemm salib maħżuż, u madwaru hemm isem l-attur u l-kelmiet "sinjal tiegħu". Wara l-firmi hemm dikjarazzjoni ta' l-Avukat G.M. Camilleri, li tgħid: — "Magħmula u pubblikata wara li l-kontenut ġie de-

bitament spjegat minni skond il-liġi, f'Malta, Hal Qormi, fi Strada Reale San Giorgio, numru 421, preżenti bħala xhieda l-Wisq Reverendu Saċerdot Don Vincenzo Borg, fu Lorenzo, joqgħod Hal Qormi, u Salvu Sammut, bin Gio Maria, assistent fitter, joqgħod Hal Qormi, xhieda li huma idonei skond il-liġi, minni magħrufa. Dr. G.M. Camilleri";

Din id-dikjarazzjoni kienet intiża bħala awtentikazzjoni għall-finijiet ta' l-art. 634 §2 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Dana l-artikolu tal-liġi jgħid:— "Jitqiesu wkoll veri, bla bsara tal-prova kuntrarja, il-firmi u s-sinjali b'salib f'lok firmi, awtentikati minn avukat jew minn nutar, meta fl-awtentikazzjoni l-avukat jew in-nutar jiddikjara li ġew magħmula quddiemu u quddiem żewġ xhieda firmati fl-istess att, u li huwa nnifsu żgura ruħu mill-identità tal-persuni li għamlu dik il-firma jew dak is-sinjal f'lok il-firmi";

Fid-dikjarazzjoni li għamel l-Avukat Camilleri jingħad li l-kitba saret u ġiet pubblikata wara li l-kontenut ġie spjegat minnu; iżda ma jingħadx li s-salib maħżuż f'lok il-firma ta' l-attur sar quddiemu, u lanqas ma jingħad li huwa aċċerta ruħu mill-identità tal-persuna li għamlet dak is-salib. Għaldaqstant dik id-dikjarazzjoni jonqosha tnejn mir-rekwiżiti essenzjali għall-finijiet ta' l-awtentikazzjoni, u għalhekk bħala awtentikazzjoni ma tgħoddx. U peress li l-liġi, għall-validità ta' kitba privata, meta dina ma tkunx firmata minn idejn kull waħda mill-partijiet, għandha tiġi awtentikata bħal ma jingħad fl-a t. 643 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kirografu *in kwistjoni ma jiswiex, għax jonqsu r-rekwiżit essenzjali ta'* l-awtentikazzjoni legali (art. 1277 Kodiċi Ċivili);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talba; bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

---